KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 08

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier

Prezenti wkoll matul il-laqgħa kollha kien hemm l-*accountant* tal-Kunsill, Romina Perici Ferrante.

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Christianne Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 08.1 Qari tal-Apoloġiji

08.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet zewġ ittri ta' apoloġija, waħda mingħand il-Viċi Sindku u oħra mingħand il-Kunsillier Mifsud. Il-Kunsill aċċetta dawn l-apoloġiji.

### 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 07

08.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) prezentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

08.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 7 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 08.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

08.3.1 Is-Sindku informa li kien irċieva zewġ *emails* f'isem ir-residenti ta' Binja Qlejgħa, waħda minnhom rigward il-parkeġġ u l-oħra rigward il-lift. Is-SE infurmat li fir-rigward tal-parkeġġ kienu saru l-core holes u sa kmieni l-ġimgħa d-dieħla kellha tirċievi rapport mingħand il-Perit, li se jiġi mgħoddi lill-Awtorità tad-Djar. Fir-rigward tal-problema bil-lift is-Sindku informa li kien għadda l-ilment direttament lill-HA.

08.3.2 Is-Sindku informa li hu, is-SE u s-Sur Perici kienu f'kommunikazzjoni biex terġa' tintefa' applikazzjoni ġdida għal *network of towns*.

08.3.3 Is-Sindku informa li dakinhar kien ġie maħtur Ministru ġdid responsabbli mill-Kunsilli Lokali, l-Onorevoli Jose Herrera.

08.3.4 Is-Sindku rringrazzja lill-amministrazzjoni tal-Kunsill wara li ħadu l-inizjattiva li jagħmlu tabelli ġodda bil-Malti fl-entratura tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li kemm din l-inizjattiva kif ukoll dawk favur l-ambjent kienu jagħmlu ġieħ lill-Kunsill tal-Imtarfa u juru kemm l-amministrazzjoni tal-Kunsill tagħmel xogħol li jmur lil hinn minn dmirha.

08.3.5 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar l-iskema tal-irrigazzjoni, is-SE infurmat li kienet f'kuntatt mal-periti u l-enġiniera kif ukoll mal-*Environmental Manager* sabiex tiġi ppubblikata offerta. Hawnhekk hija infurmat li hemm possibbiltà li jkollha titlob għal estensjoni jekk tara li x-xogħol kollu, li huwa pjuttost estensiv, mhux se jintlaħaq fil-ħin. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

08.3.6 Fir-rigward tad-dawl ta' Ġnien is-Sinjura, is-SE infurmat li ftit ġranet qabel, il-Perit tal-Awtorità tal-Ippjanar kien infurmaha li d-dettalji li kienu ġew sottomessi kienu korretti u għaldaqstant se tieħu ħsieb li jiġi ppubblikat it-*tender* mill-ġdid.

## 08.4 Talba għal *pelican crossing* fi Triq l-Imtarfa

08.4.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill preċedenti kien talab għal *pelican crossing* fi Triq l-Imtarfa bil-kundizzjoni li din issir minn TM. Wara talba uffiċjali li saret, il-Kunsill ġie mgħarraf li wara li sar *traffic* u *pedestrian count*, din ma kwalifikatx għal ebda minnhom. Min-naħa l-oħra approvaw *zebra crossing* minħabba li hemm *bus stop*. Għaldaqstant kienet qed titlob gwida min-naħa tal-Kunsill.

08.4.2 Kien hemm qbil li ladarba din it-talba kienet saret minn residenta waħda, is-SE għandha tikkomunika magħha u tinfurmaha b'dan kollu.

## 08.5 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv (Sena Bazi 2019)

08.5.1 Is-SE prezentat kopja tar-Rapport Amministrattiv li kienet bagħtet permezz tal-*email* minn qabel. Dan ir-rapport kien meqjus bħala moqri u ġie approvat.

08.5.2 Ir-Rapport Amministrattiv se jinqara waqt il-Laqgħa tal-Lokalità.

## 08.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal Kull Kwart (Settembru – Diċembru 2019)

08.6.1 Is-SE għaddiet kopja tar-Rapport Finanzjarju għal Kull Kwart. L-*accountant* tal-Kunsill li kienet prezenti, tat spjega tiegħu.

08.6.2 Ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Settembru – Diċembru 2019 ġie approvat.

## 08.7 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (1 ta' Jannar - 31 Diċembru 2019)

08.7.1 Is-SE għaddiet kopja tal-Estimi Finanzarji. L-*accountant* tal-Kunsill li kienet prezenti, tat spjega tiegħu.

08.7.2 L-Estimi Finanzarji ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 08.8 Approvazzjoni tal-Baġit 2020

08.8.1 Is-SE għaddiet kopja tal-Baġit sabiex jiġi diskuss u approvat.

08.8.2 Wara spjegazzjoni u diskussjoni, il-baġit kien approvat kif prezentat.

## 08.9 Approvazzjoni tal-*Performance Bonuses* tal-Impjegati

08.9.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-Sinj. Micallef u s-Sinj. Fenech jingħataw il-massimu tal-*Performance Bonus*. Is-Sinj. Mallia għandha wkoll tingħata l-massimu imma fuq bazi pro-rata.

## 08.10 Kommunikazzjonijiet min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rapprezentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

08.10.1 Minħabba li l-Kunsillier Mifsud m'attendietx għal-laqgħa, ma kienx hemm x'jiġi rrappurtat.

## 08.11 Punti Oħra

08.11.1 Is-Sindku reġa' fakkar lis-SE sabiex issir laqgħa mal-kuntrattur tad-dawl tal-Milied hekk kif ikun possibbli minħabba li din is-sena ma kienx sodisfatt.

08.11.2 Il-Kunsillier Sammut Dimech infurmat li t-Tlieta li ġej kienet se tinzamm l-attività tal-*Virtual Reality* bl-apparat il-ġdid li nxtara fil-Librerija tal-Imtarfa. Kienu kkonfermati wkoll id-dati l-ġodda għal aktar sessjonijiet simili u l-Kunsillier Sammut Dimech għandha tikkomunika lura mas-SE bl-ismijiet tat-temi li jmiss.

08.11.3 Il-Kunsillier Sammut Dimech infurmat lis-SE li kienet se tgħaddilha dati għal aktar laqgħat mas-sottokumitati.

08.11.4 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir *floodlight* oħra fi Triq is-Sardinell ħdejn il-funtana. Is-SE għandha tikkoordina dan ix-xogħol. Sadanittant hija ssuġġeriet biex minflok jibqgħu jintefqu flus fuq il-floodlights, ħa tieħu ħsieb iġġib kwotazzjoni biex jitranġa d-dawl kollu ta' bejn il-barracks minħabba li dawn il-*floodlights* suppost li kellhom ikunu biss soluzzjoni temporanja. Il-Kunsill qabel.

08.11.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech is-SE infurmat li matul il-ġimgħa ta' wara kellu jibda t-taħwil ta' pjanti fi Triq is-Sardinell.

08.11.6 Wara diskussjoni dwar l-iskart kien hemm qbil li l-amministrazzjoni għandha tieħu ħsieb li jiġi fformulat flyer biex jitqassam mar-residenti sabiex nuru l-ammonti ta' skart imħallat li qed jintrema' meta dan jista' jiġi riċiklat. Għaldaqstant il-messaġġ tal-Kunsill lir-residenti għandu jkun biex juzaw il-borza s-sewda inqas u minflok issir promozzjoni għal aktar riċiklaġġ.

08.11.7 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kien hemm bzonn li jiġu ddeterminati l-bordijiet tal-evalwazzjoni għall-offerti tal-*Light Fittings* (MTFLC/T/08/2019) u tal-ELV's (MTFLC/T/07/2019) tal-*Visitors Centre.* Kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu magħmula mill-membri tal-maġġorparti tal-offerti l-oħra, jiġifieri s-Sindku, il-Kunsillier Fenech, il-*Project Co-Ordinator*, is-SE u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali tal-Kunsill.

08.11.8 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba min-naħa tal-kuntrattur tar-restawr tat-torri tal-arloġġ li kellu bzonn ta' estensjoni oħra ma' dik diġà approvata. Id-*deadline* fil-prezent kienet dik tal-31 ta' Jannar imma kien għad hemm numru ta' problemi li kienu għadhom iridu jiġu approvati u indirizzati u kemm minħabba numru ta' ġranet ta' riħ kif ukoll minħabba li kull

pass f'dak li għandu x'jaqsam ma' restawr u xogħlijiet fit-torri qed ikollu jiġi approvat min-naħa tal-SCH, kien hemm bzonn li hemm bzonn li terġa' tiġi estiza. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li d-data tiġi estiza għall-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2020. L-għada stess kellha laqgħa oħra mal-kuntrattur, il-periti u rapprezentanti tas-Sovrintendenza fir-rigward tax-xogħlijiet. Il-Kunsill approva l-estensjoni ladarba dan il-perjodu kien se jindirizza problemi u xogħlijiet li għadhom mhumiex solvuti jew approvati.

08.11.9 Is-SE infurmat li kienet irċeviet lura mingħand Pippo Foundation u dawn infurmawha li kienu qed ifittxu *sponsorship* ta' €3000 biex jagħmlu t-tpinġija fuq il-ħajt ta' Binja Buqana. Is-Sindku talab lis-SE sabiex tikkomunika magħhom mill-ġdid dwar possibbiltà li jinzebagħ ukoll il-ħajt ta' ħdejn il-bosk.

08.11.10 Hawnhekk il-Kunsillier Sammut Dimech staqsiet minn fejn jista' l-Kunsill iġib xi fondi għal Heritage Trail. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mar-riċerkatur storiku Vincent Zammit dwarha u dwar xi punti oħra biex tibda tinġabar l-informazzjoni u jekk ikun hemm xi possibbiltajiet ta' fondi, is-SE għandha tinforma lill-Kunsill.

## 08.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

08.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 08.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

08.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 17 ta' Frar fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 17 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |